



Brussell, 17 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9770/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0090(NLE)

SCH-EVAL 87
SIRIS 57
COMIX 322

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9094/20	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas- Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas- Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

Id-delegati jsibu meħmuża d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fis-16 ta' Lulju 2020.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovenja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni hu li tirrakkomanda azzjonijiet korrettivi lis-Slovenja sabiex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) li saret fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 12, ġie adottat rapport li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) It-tim fuq il-post ikkunsidra t-taħriġ obligatorju fis-SIS għall-uffiċjali kollha tal-pulizija, bl-attenzenza għall-korsijiet tiegħu tiġi mmonitorjata għall-uffiċjali tal-pulizija kollha; l-integrazzjoni tal-kontrolli tas-SIS fil-proċedura għar-reġistrazzjoni ta' vettura u għall-verifiki tekniċi annwali tal-vetturi; l-awtomatizzazzjoni għolja fl-implimentazzjoni tal-Infurmazzjoni Antiċipata dwar il-Passiġġieri (API); kif ukoll il-possibbiltà li fl-applikazzjoni LISK tidher tastiera virtwali ta' traslitterazzjon meta tiddaħħal id-data, bħala l-aħjar Prattika.
- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari l-obbligu li tintwera l-infurmazzjoni kollha inkluża fl-allerti, li jiġi ggarantit lid-dwana aċċess għall-allerti dwar oġġetti u li tiġi ggarantita l-implimentazzjoni xierqa tad-drittijiet tal-aċċess għall-konsulati li joħorġu l-viża, jenħteġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 6, 13, 15, 21 u 23.
- (4) Jenħteġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Jenħteġ li fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, is-Slovenja, b'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

JIRRAKKOMANDA:

li s-Slovenja għandha:

Dwana

1. tiggarantixxi li l-awtoritajiet Doganali jistgħu jwessgħu l-possibbiltà li jsiru tfittxijiet fis-SIS b'taġħmir VIN u industrijali mhux standard;
2. tiggarantixxi li l-awtoritajiet Doganali jużaw is-SIS b'mod sistematiku;
3. tiggarantixxi li l-uffiċjali Doganali jkunu konxji mis-setgħat tagħhom fl-użu tas-SIS;

Links

4. tiggarantixxi li l-għarfien dwar kif jinħolqu l-links ikun stabbilit sew u li l-proċedura ta' konnessjoni tkun ċara; tiggarantixxi li l-preżenza ta' links fl-allerti tkun viżibbli faċilment għall-utenti finali;

Vetturi

5. tiggarantixxi li r-ritratti tal-vetturi jkunu jistgħu jinfetħu mill-utent aħħari, u mhux biss mill-Uffiċċju SIRENE;

Dokumenti

6. tippermetti li l-konsulati li joħorġu viżi jkollhom aċċess għal allerti dwar oġġetti relatati ma' dokumenti li jkunu nħarġu;
7. tagħmel rivalutazzjoni tal-proċedura biex jinqabdu dokumenti misruqa permezz ta' allert fis-SIS sabiex jiġi evitat li l-kumplessità tal-proċedura ġudizzjarja ma tippermettix li dawn jinqabdu mill-utenti finali;

N.SIS u s-Sigurtà

8. tiggarantixxi li l-uffiċċju N.SIS ikun jista' jipproduċi statistika speċifika għas-SIS;
9. tikkunsidra li ċċaqlaq iċ-ċentru tad-data primarja għal ambjent aktar xieraq u tiżgura li dan ikun mgħammar b'sistema awtomatizzata ta' apparat tat-tifi tan-nar u żewġ fornituri separati tal-enerġija elettrika;
10. tiggarantixxi li jkun hemm konformità mal-Artikolu 10(c) tar-Regolament 2006/1987 u d-Deċiżjoni 2007/533, li tipprevjeni l-użu ta' apparati multimedjali mhux fissi fl-istazzjonijiet tax-xogħol tal-utenti finali u li tkabbar l-installazzjoni tal-iskrin tal-privatezza fil-kabini kollha ta' gwardji tal-fruntiera;
11. tiggarantixxi l-kontinwità tal-aċċess għall-N.SIS;
12. ittejjeb il-proċedura ta' ttestjar tal-N.SIS meta jkunu hemm bżonn isiru tibdiliet fis-sistema;

Marki tas-swaba'

13. tiggarantixxi li l-uffiċjali SIRENE jkollhom aċċess dirett għall-marki tas-swaba' fil-bażi tad-data forensika; u tistabbilixxi proċedura biex jiġi żgurat li l-marki tas-swaba' u r-ritratti jittellgħu b'mod sistematiku fis-SIS meta jkunu disponibbli;

Allerti fil-kuntest tal-Artikolu 36

14. tikkunsidra li jiġi ffaċilitat il-proċess għall-ħruġ ta' allerti fil-kuntest tal-Artikolu 36 dwar persuni u oġġetti għal verifika diskreti;

Applikazzjonijiet

15. tiggarantixxi li l-indikaturi tal-allerti jkunu jistgħu jarawhom l-utenti finali fuq apparat mobbli;
16. tiggarantixxi li l-limitazzjonijiet għal tiftix fil-kamp tal-ewwel isem jew fil-kamp tal-kunjom ikunu jsegwu l-istandards tad-Dokument ta' Kontroll tal-Interface;
17. tiggarantixxi li l-estensjoni tal-identità użata ħażin tkun tidher b'mod ċar fl-applikazzjoni tal-LISK;
18. tiggarantixxi li r-rimarki relatati mal-persuna jkunu enfasizzati fl-applikazzjonijiet kollha;
19. tiggarantixxi li r-rimarki tal-allerti jkunu jidhru fl-ewwel skrin fl-applikazzjoni tal-pulizija;
20. ittejjeb il-possibbiltajiet tas-SIS li t-tiftix fl-applikazzjoni tal-pulizija jkun jista' jsir b'numru ta' dokument biss;

Awtoritajiet tal-migrazzjoni

21. tistabbilixxi proċedura li biha l-awtoritajiet tal-Migrazzjoni jkunu jistgħu jivverifikaw dokumenti fis-SIS matul il-proċess tal-ħruġ tal-permessi ta' residenza;
22. tiggarantixxi li l-awtoritajiet tal-Migrazzjoni jsirihom taħriġ dwar is-SIS;
23. ittejjeb l-aċċess tal-awtoritajiet tal-Migrazzjoni għall-allerti fil-kuntest tal-Artikolu 24 għal rifjut ta' dħul jew ta' soġġorn;
24. tiggarantixxi li l-uffiċjali tal-Migrazzjoni jkollhom aċċess għad-dokumentazzjoni dwar l-użu tas-SIS;

Taħriġ

25. tiggarantixxi li l-utenti jkollhom taħriġ dwar l-użu u l-iskop tal-estensjoni tal-identità użata ħażin fis-SIS;
26. tiggarantixxi li l-utenti jkollhom taħriġ dwar l-użu u l-iskop tal-kontrolli diskreti b'azzjoni immedjata;
27. tiggarantixxi li l-pulizija u l-gwardji tal-fruntiera jkollhom biżżejjed għarfien dwar l-użu u t-tifsira ta' links.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
